# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tat-28 laqgħa (b'urġenza) tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tnejn 15 ta' Ġunju 2026 fil-5:15 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Louis Attard | Accountant (MIEA) tal-Kunsill |

**Uffiċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresediet il-laqgħa.

**28.01 Talba**

28.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**28.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

28.02.01 Is-Sindku infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija u li l-Kunsillier Sciberras qiegħed fi triqtu għal din il-laqgħa.

**28.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Financial Statements għas-Sena 2025**

28.03.01 Is-Sindku qalet li din il-laqgħa issejħet b'urġenza sabiex il-Kunsill jikkunsidra u japprova l-*Financial Statements* għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2025. Hija spjegat li, għalkemm kien ippjanat li dawn ikunu awditjati sal-aħħar ta' Ġunju 2026, dan ma kienx possibbli minħabba diversi nuqqasijiet li nstabu fl-*accounts* kif kienu tħejjew minn *Corporate Assurance*, li kienet tipprovdi s-servizz tal-*accounting* lill-Kunsill. Is-Sindku rringrazzjat lill-*Accountant* attwali tal-Kunsill, is-Sur Louis Attard, minn *MIEA*, tax-xogħol estensiv li wettaq sabiex il-*Financial Statements* jiġu ppreparati. Hija żiedet li s-*surplus* irreġistrat kien prinċipalment riżultat ta' *write-offs*, tfaddil f'ċerti allokazzjonijiet, fosthom minħabba n-nuqqas ta' impjegata matul is-sena, nuqqasijiet minn naħa tal-*accountant* preċedenti, kif ukoll fondi miksuba permezz ta' diversi skemi.

28.03.02 L-*Accountant* ippreżenta u spjega fid-dettall il-*Financial Statements*. Fir-rigward tad-dħul, huwa ta spjegazzjoni dwar *Note 4* relatata mal-fondi riċevuti mill-Gvern Ċentrali, fejn ġie ċċarat li d-differenza kienet relatata mal-allokazzjoni tal-iskart. Kompla jispjega *Note 5* dwar id-dħul mill-*Local Enforcement System* u *Note 6* dwar id-dħul minn permessi, servizzi tal-librerija u sorsi oħra ta' dħul.

28.03.03 Fir-rigward tan-nefqa, l-*Accountant* spjega *Note 7* dwar il-pagi, *allowances* u kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali. Dwar *Note 8* huwa spjega li n-nefqa relatata mat-toroq naqset minħabba li *Infrastructure Malta* wettqet aktar proġetti ta' toroq, filwaqt li diversi xogħlijiet twettqu mill-*Public Works*. Ġie nnutat ukoll li żdiedet in-nefqa fuq it-tabelli tat-toroq, filwaqt li n-nefqa għall-ġbir tal-

iskart naqset minħabba *write-offs* u t-trasferiment tas-servizz lir-Reġjun. In-nefqa fuq il-*bulky refuse* baqgħet sostanzjalment l-istess, il-kuntratt il-ġdid tat-tindif tat-toroq kien aktar vantaġġuż finanzjarjament, il-*public convenience* inkludiet spejjeż addizzjonali relatati ma' attivitajiet, filwaqt li n-nefqa fuq il-*parks* naqset minħabba kuntratt ġdid. L-ispejjeż relatati mal-*istreet lighting* u mal-*Local Enforcement System* baqgħu sostanzjalment konsistenti mas-sena preċedenti.

28.03.04 L-*Accountant* kompla bl-ispjegazzjoni ta' *Note 9* fejn indika li l-kategoriji amministrattivi baqgħu fil-parti l-kbira konsistenti mas-sena preċedenti. Huwa spjega wkoll li n-nefqa relatata mal-attivitajiet tal-komunità kienet riflessa minn fondi miksuba permezz ta' diversi skemi, filwaqt li d-*depreciation* inkludiet ukoll l-*assets* relatati mal-proġett tal-Isptar il-Qadim. Fir-rigward ta' *Note 11*, ġie spjegat li t-*trade* and *other receivables* kienu jinkludu *accrued income* relatat ma' *invoices* tal-librerija maħruġa wara t-tmiem tas-sena, spejjeż ta' skemi li ser jiġu rkuprati matul l-2026 u fondi dovuti mill-LESA. Dwar *Note* 14, l-*Accountant* spjega l-ammonti inklużi taħt *trade and other payables*, inkluża *invoice* pendenti ta' *AXD Ltd*, kif ukoll il-bilanċ tad-*deferred income* relatat ma' fondi ta' skemi li kienu għadhom ma ġewx utilizzati sal-aħħar tas-sena finanzjarja.

28.03.05 L-*Accountant* informa lill-Kunsill li, matul il-preparazzjoni tal-*Financial Statements*, kellu jindirizza diversi nuqqasijiet fl-*accounts* kif kienu tħejjew minn *Corporate Assurance*, fosthom *write-offs* pendenti, nuqqas ta' *reconciliations* u l-aġġornament tal-*fixed assets register* sabiex id-*depreciation* jiġi allokat b'mod korrett. Huwa spjega wkoll li segwa r-rakkomandazzjonijiet li kienu saru fil-*Management Letter* tas-sena preċedenti sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun in-nuqqasijiet identifikati.

28.03.06 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li, wara l-approvazzjoni tal-*Financial Statements*, dawn ser jiġu sottomessi għall-proċess tal-awditjar. Hija żiedet li ser tkun qed tikkuntattja lis-Sur Emil Vassallo sabiex, jekk in-*NAO* jitlob spjegazzjoni dwar id-dewmien fil-proċess tal-awditjar, jiġi spjegat li dan kien dovut għan-nuqqasijiet li nstabu fl-*accounts* kif kienu tħejjew minn *Corporate Assurance*, li wasslu sabiex jinħadmu l-*accounts* tal-aħħar sitt xhur tas-sena finanzjarja biex setgħet tingħalaq is-sena finanzjarja u jiġu ppreżentati l-*Financial Statements* għall-awditjar.

28.03.07 Wara li ġew indirizzati l-mistoqsijiet tal-Kunsilliera, is-Sindku ressqet għall-vot l-approvazzjoni tal-*Financial Statements* għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2025. Il-Kunsill ivvota unanimament favur u l-*Financial Statements* ġew approvati.

**28.04 Tmiem tal-laqgħa**

28.04.01 Il-laqgħa ntemmet fis-6:00 pm.

Konfermati illum it-Tlieta 14 ta' Lulju 2026.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |